MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### SILVIO MELI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 298/2015/1

**Ann Downer**

**bint Ronald u Maria xebba Scarpello**

**imwielda Londra u residenti San Giljan**

**(I.D. 429800 (L))**

**vs**

**Suzanne Caruana**

**separata, bint Laurence u Noreen,**

**xebba O’Laughlin, imwielda Attard,**

**u residenti San Giljan**

**(I.D. 285770 (M))**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat l-20 ta' Frar, 2015;

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll l-20 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur:

2.1. Laqghet provizorjament it-talbiet tar-rikorrenti fuq indikata;

2.2. Ordnat in-notifika ta' l-istess lill-kontro-parti ghar-risposta skont il-ligi; u

2.3. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza u fil-hin hemm indikat, (ara foll 1u 5);

3. Rat ir-risposta ta' l-intimata datata s-26 ta' Frar, 2015;

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi fl-imsemmi rikors promotur fuq riferit ir-rikorrenti sintetikament elenkat il-pretensjonijiet taghha bil-mod segwenti:

5.1. Illi qed titlob il-hrug tal-mandat in dizamina biex l-intimata tinzamm milli tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* jew b'titolu oneruz jew b'mod gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikolari l-appartament numru 5, fil-blokk bin-numru 26, "Veronica", Triq Dun Mikiel Rua, Tas-Sliema;

5.2. Illi in tutela ta' l-istess ir-rikorrenti:

5.2.1. Ipprocediet b'kawza fl-ismijiet premessi fejn qed titlob rifuzjoni ta' flus misapproprijati mill-intimata minn socjeta` civili li l-partijiet kienu jiggestixxu flimkien;

5.2.2. Qed titlob ukoll il-likwidazzjoni u hlas ta' danni;

5.2.3. Ipprezentat ukoll mandat ta' sekwestru fir-rigward, li rrizulta inutili;

6. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna hi l-uniku mezz li r-rikorrenti ghandha biex tikkawtela l-pretenzjoni taghha;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi min-naha taghha l-intimata ssosstni sintetikament is-segwenti:

7.1. Illi r-rikorrenti trid tissodisfa l-artiklu 873(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li *prima facie* tissodisfa d-drittijiet minnha pretizi;

7.2. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti ma' resqet l-ebda premessa ghajr li ssostni li resqet kawza in konnessjoni ma' dawn id-drittijiet;

7.3. Illi fih innifsu, dan ma jammontax ghad-dritt minnha detenut;

7.4. Illi ma jezisti l-ebda kreditu fil-konfront ta' l-intimata kif vantat mir-rikorrenti;

7.5. Illi ser tipprezenta kontro-talba ghad-danni minnha sofferti;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi fid-dawl tas-suespost analizi tal-vertenza odjerna jirrileva s-segwenti:

8.1. Illi l-procedura in dizamina hi regolata mill-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet fuq indikati;

8.2. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li tali procedura hi specifikatament intiza biex izzomm persuna milli taghmel xi haga – tkun li tkun – li tista` tkun ta' pregudizzju, u allura ta' hsara mmedjata, lil dik il-parti li titlob il-hrug ta' tali mandat;

8.3. Illi ghalhekk hu impellenti li biex tali mandat ikun jista` jinhareg skont il-ligi, il-parti lanjanti ghandha tissodisfa r-rekwiziti

stipulati fl-istess artiklu tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura fuq riferit, senjatament:

8.3.1. Illi l-mandat *de quo* hu necessarju biex jigu protetti d-drittijiet minnha legittimament vantati;

8.3.2. Illi jrid ukoll jigi assodat li r-rikorrenti jkollha ta' l-anqas, dawk id-drittijiet minnha pretizi f'livell ta' *prima facie*;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi analizi tal-fatti kif estrapolati mill-atti fil-process u mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fis-smigh appozitu jwassal sintetikament ghas-segwenti delineazzjoni tal-fatti:

9.1. Illi l-kontendenti kienu jiggestixxu negozju flimkien;

9.2. Illi f'daqqa wahda l-intimata rtirat minn dan in-negozju;

9.3. Illi fl-istess hin allegatament immisapproprijat ruhha minn xi ammonti kospikwi ta' flus li pero` l-istess intimata tikkontesta;

9.4. Illi mill-mandat ta' sekwestru inoltrat mir-rikorrenti in tutela tal-pretensjonijiet taghha jirrizulta li l-intimata m'ghandiex biex taghmel tajjeb ghal tali pretensjoni;

9.5. Illi ghalhekk l-uniku mezz li r-rikorrenti ghandha biex tikkawtela l-pretensjoni taghha hu proprju permezz tal-procedura odjerna;

Ikkonsidrat:

10.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta s-segwenti:

10.1. Illi fl-allegata misapproprijazzjoni mill-intimata, r-rikorrenti jirrizulta li ghandha d-dritt minnha vantat fil-livell ta' *prima facie*;

10.2. Illi ghalhekk il-precett rikjest mill-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq indikat jirrizulta sodisfatt;

10.3. Illi ghalhekk ukoll, dan jirrizulta bizzejjed biex id-drittijiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-intimata jigu hekk tutelati;

**DECIDE:**

11.0. Illi in vista tal-premess, tqis li r-rikorrenti ppruvat it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement filwaqt li takkolji t-talbiet tal-istess rikorrenti Ann Downer:

11.1. Tvarja *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha datat l-20 ta' Frar, 2015, b'mod li issa l-mandat t'inibizzjoni *de quo* jinhareg b'mod permanenti;

11.2. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimata Suzanne Caruana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------